MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 24

It-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

L-Onor. Graziella Attard Previ kienet skużata.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 23 li saret fl-14 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 430 Korrispondenza mibgħuta lis-Sedja mill-Ombudsman fil-15 ta' Ottubru 2026 a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman dwar investigazzjoni fuq ilment dwar nuqqas ta' aċċess ripetut ta' garaxx f'Santa Venera bir-referenza OMB-25-7021; u

P.L. 431 Rapport bl-isem *Report by the Auditor General on Government-appointed bodies* maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur f'Ottubru 2026.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 276 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 432 Screenshot tal-webpage bl-isem *MATSEC Examinations Board - Statistical Reports* li tagħti links għall-istatistika tal-eżamijiet tas-SEC għas-snin bejn l-2018 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1843;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 433 Stqarrija mill-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa (PR261161) datata 10 ta' Lulju 2026 bl-isem *Id-Deputat Prim Ministru Ian Borg jiltaqa' mal-pazjenti u l-ħaddiema fl-Isptar Monte Karmeli*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 634;

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 434 Avviż Legali Nru 292 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2026);

P.L. 435 Avviż Legali Nru 293 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2026 għall-Malvizz u l-Pluviera);

P.L. 436 Avviż Legali Nru 294 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija;

P.L. 437 Avviż Legali Nru 295 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar l-Obbligi ta' Ġestjoni u Rappurtar dwar l-Effiċjenza fir-Riżorsi tal-Intrapriżi;

P.L. 438 Tabella li turi n-nefqa totali fuq l-attività Animal Honours Awards għas-snin bejn l-2021 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3493;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 439 Tabella li turi informazzjoni dwar konsulenti li tqabbdu jagħtu servizz lil Transport Malta fil-perjodu bejn Awwissu 2012 u Ottubru 2016, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3414; u

f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 440 Avviż Legali Nru 296 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-16 ta' Ottubru 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta (A.L. 246 tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 441 Avviż Legali Nru 297 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-16 ta' Ottubru 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili (A.L. 248 tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 442 Avviż Legali Nru 298 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-16 ta' Ottubru 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija (A.L. 247 tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 443 Avviż Legali Nru 299 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-16 ta' Ottubru 2026 bħala d-data li fiha d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs (Emenda Nru 2) (A.L. 249 tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ.

PUNTI MQAJMA MINN MEMBRI TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Ivan Castillo, ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal artiklu li deher fuq il-website *one.com.mt* minħabba skorretezzi li fih u, bil-permess, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 444 Artiklu bl-isem *Oppożizzjoni li tinjora l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż hekk kif tibqa' ma tikkoreġix stqarrija skorretta* li deher fuq il-website *one.com.mt* fl-14 ta' Ottubru 2026.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja li wara r-ruling tas-Sedja mogħti fis-Seduta 21 tat-12 ta' Ottubru 2026, dwar stqarrija maħruġa mill-Partit Nazzjonalista, l-istruzzjonijiet li ngħataw fir-ruling biex issir korrezzjoni baqgħu ma ġewx applikati ħlief għat-titlu.

Is-Sedja ħadet nota tal-punti mqajma u qalet li ser tagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

STQARRIJIET MINISTERJALI

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela għamel stqarrija ministerjali dwar l-eżitu tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fil-15 u s-16 ta' Ottubru 2026.

Fid-diskussjoni ħadu sehem ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Nigel Vella, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Eve Borg Bonelli u l-Onor. Ivan Castillo.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Darren Carabott qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 445 Artiklu li deher fuq is-sit online tal-ġurnal *Times of Malta* fit-18 ta' Ottubru 2026 bl-isem *'I trained the AI that took my job': iGaming workers face layoffs*.

MOZZJONIJIET

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI U L-ATT DWAR IL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ (TRAFFIKAR TAL-PERSUNI) – MOZZJONI 65

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2026 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità, Kap. 539, (Traffikar tal-Persuni)" inqara l-ewwel darba.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR – ABBOZZ NRU 13

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard:

MYRIAM SPITERI DEBONO
PRESIDENT TA' MALTA

Il-President, wara li kienet informata dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika tal-eżekuzzjoni ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa, għal emendi konsegwenzjali u għal materji anċillari", tirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

18 ta' Ottubru 2026

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika tal-eżekuzzjoni ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa, għal emendi konsegwenzjali u għal materji anċillari."

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, l-ewwel kelliem tal-Oppożizzjoni kien se jagħmel id-diskors tiegħu f'seduta oħra.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Toni Bezzina.

Fis-7.00 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal sabiex l-Onor. Toni Bezzina jkompli d-diskors tiegħu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi.

Fis-7.01 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Mozzjonijiet</u>

Mozzjoni ta' Proċedura dwar is-seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2027

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet
dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar — Tieni Qari (Kont.)

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi dwar l-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur Upstream taż-Żejt u l-Gass (Miżuri ta’ Infurzar)	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji li għandhom x’jaqsmu mas-Servizzi Finanzjarji	Tieni Qari
Estimi ta’ Dħul u Nfiq ta’ Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026	Votazzjoni

---

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi	Kumitat Permanenti
Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Yana Borg Debono Grech u mill-Onor. Romilda Zarb.

Fis-7.33 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta’ Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER